MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 878/2008

**Emmanuel Schembri ID-898554M**

**Vs**

**Tenderfresh Food Processing Limited (C-28216) solidalment u indivizament flimkien ma Jean Paul Busuttil (ID-102172M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' €3,237.83 (tlett elef mitejn u sebgha u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu) rapprezentanti s-somma li kienet giet refuza mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni lis-socjeta konvenuta u liema somma kienet thallset mill-attur lill-istess Kummissarju tat-Taxxi Nterni bhala taxxa provvizorja tas-socjeta konvenuta bl-intiza cara li malli l-istess Kummissarju tat-Taxxi Nterni jirrifondi din is-somma lis-

socjeta konvenuta, din kellha tghaddiha lura lill-attur filwaqt li l-konvenut l-iehor kien intrabat bi ftehim pattwit bejnhu u bejn l-attur li jidhol responsabbli ghal gbir ta’ tali somma u li jghaddiha lill-attur.

Bl-ispejjes tal-prezenti, tal-ittra ufficcjali datata 30 ta’ Lulju 2008 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Busuttil datata 13 ta’ Jannar 2009 fejn afferma li ebda ammont ma hu dovut minnu personalment stante li l-istess ghandu jigi ritenut dovut biss mis-socjeta konvenuta. Illi l-konvenut kien accetta biss li joffri l-assistenza tieghu ghal irkupru tal-ammont u jghaddiha lill-attur hekk kif jirceviha minnghand is-socjeta konvenuta. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 23 ta’ Jannar 2009 fejn oltre kontestazzjoni b’mod generiku irrilevat illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn l-attur. Inoltre affermat li ma ghandha taghti ebda flus lill-attur. Illi b’nota ohra datata 4 ta’ Frar 2009, l-istess socjeta konvenuta zdiedet tghid li ma jirrizultax li l-attur hallas tali somma ghan-nom taghha.

Sema l-provi prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

L-attur jispjega li meta huwa kien biegh l-ishma li kellu mas-socjeta konvenuta lill-konvenut l-iehor dan ta’ l-ahhar kien zamm lura milli jhallsu l-ahhar pagament dovut peress illi minnflok huwa kien uza l-istess ammont (Lm1,390) sabiex ihallas lid-Dipartiment tal-Inland Revenue ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Ikompli jafferma illi kemm hu u kif ukoll il-konvenut kienu jafu li tali ammont kien ser jinghata lura mid-dipartiment u ghalhekk ftiehmu li l-ahhar pagament dovut lill-attur mill-konvenut

ma jithallasx direttament mill-istess konvenut izda mir-refuzjoni gia anticipata minghand id-dipartiment. Dan il-ftehim jinsab rifless bil-miktub fl-iskrittura esecita Dok ES1 a fol 21. Eventwalment meta l-konvenut biegh l-istess ishma lil terzi, huwa nizzel l-istess obbligu ta refuzjoni pattwit mal-attur (vide Dok ES2 a fol 37 tal-process u a fol 73).In segwitu irrizulta li s-socjeta konvenuta kienet fil-fatt irceviet tali refuzjonji ta’ taxxa li giet depositata fil-kont taghha fit-23 ta’ Awissu 2007 kif ukoll konfermat mill-accountant tal-istess socjeta jismu Jason.

Ix-xhud Jason Azzopardi li ghamel zmien jahdem mas-socjeta konvenuta fit-taqsima tal-finanzi jikkonferma li l-istess socjeta kienet fil-fatt irceviet il-pagament in kwistjoni minnghand id-dipartiment, liema ammont ta’ refuzjoni kien jikkoncerna hlas ta’ taxxa provvizorja minn zmien meta l-attur kellu l-ishma tal-istess socjeta. Ikompli jispjega li tali refuzjoni kienet inghatat lis-socjeta konvenuta peress illi ma kinietx ghamlet qliegh u ghalhekk ebda taxxa ma kellha suppost tithallas. Ghalhekk it-taxxa provvizorja li thallset ghal beneficcju tas-socjeta konvenuta kienet intraddet lura mid-dipartiment. In kontro-ezami jafferma li t-taxxa provvizorja kienet thallset permezz ta’ cheque intestat fuq is-socjeta konvenuta, fis-sens ghalhekk li kien gie debitat il-kont tal-istess socjeta konvenuta.

Il-konvenut jikkonferma li huwa kien xtara l-ishma tal-kumpanija konvenuta minghand l-attur u in segwitu rega biegh l-istess lil terzi. Meta kien ser isir il-bejgh lil terzi huwa kien ircieva minghand id-dipartiment assessment ta’ taxxa provvizorja allegatament dovuta mis-socjeta konvenuta ghal zmien meta l-ishma kienu ghadhom ighajtu lill-attur. Illi ghalhekk sar ftehim fis-sens li l-attur johrog l-ammont ta’ taxxa provvizorja sa dak iz-zmien allegatament dovuta mis-socjeta konvenuta u dana minn butu, pero` bil-patt u kondizzjoni li meta u f’kaz ta refuzjoni, l-attur kellu jiehu lura l-istess ammont. Dan il-ftehim gie anke rifles fl-iskrittura li l-konvenut ghamel ma terzi meta regghu nbieghu l-ishma kif gia ndikat aktar il-fuq. L-ammont li thallas mill-attur ghal tali taxxa provvizorja saret billi l-konvenut naqqas l-istess ammont minn dak li kellu jtieh ghax-xiri tal-ishma. Ikompli jispjega li

l-obbligu tieghu ma kienx li jigborhom lura hu jew li jhallashom hu izda semplicement li jghaddihom lill-attur hekk kif jinghataw lura mid-dipartiment. Ighid ukoll li s-socjeta konvenuta ossia l-azzjonijiet l-godda tas-socjeta konvenuta kienu ben konsapevoli tal-ftehim pattwit mal-attur tant li dan jnsab rifless fl-iskrittura li saret maghhom (Dok ES2 u Dok JPB1) kif gia ndikat hawn fuq cio` e` a fol 37 u 73 tal-process).

Is-socjeta konvenuta iddecidiet li ma tressaq ebda provi da parti taghha in sostenn tal-eccezzjonijiet li ssollevat izda qieghdha tistrieh fuq il-provi migbura.

Il-kontestazzjoni principali tas-socjeta konvenuta hija fis-sens li l-istess ma tistax tigi meqjusa bhala l-legittimu kontradittur fil-konfront tat-talba attrici peress illi ma kienitx tifforma parti mill-ftehim bejn l-attur u l-konvenut.

Illi jigi notat pero` li s-socjeta konvenuta ma hiex daqstant korretta kemm legalment kif ukoll fattwalment f'din l-affermazzjoni taghha. Illi l-kwistjoni kollha meritu ta' din il-kawza tittratta precizament ammont ta' flus li nghataw lura lis-socjeta konvenuta mid-dipartiment peress illi kienet thallset taxxa provvizorja mill-istess socjeta meta ebda taxxa ma kienet dovuta. Illi rrizulta li tali ammont ta' taxxa kienet thallset ghal beneficcju tas-socjeta konvenuta minn but l-attur billi tnaqqas mill-ammont li huwa kellu jircievi minghand il-konvenut l-iehor ghal bejgh tal-ishma. Illi ghalhekk meta s-socjeta konvenuta inghatat lura l-imsemmi ammont ta' taxxa mhallsa indebitament, hija kienet ben konsapevoli tal-fatt li tali ammont kellu jigi akkreditat lill-attur u mhux lilha u kwindi bis-semplici fatt li bagqhet izzomm dan l-ammont fil-kontijiet taghha kien qed iwassal biex tarrikkixxi lilha nfisha ndebitament. Illi dan kollu jirrizulta mill-provi kollha prodotti cio` e` sew mix-xhieda tal-attur, kif ukoll tal-konvenut u ta Jason Azzopardi izda aktar minn hekk jirrizulta anke mid-dokumenti esebiti fosthom il-kuntratt li sar bejn l-attur u l-konvenut u kif ukoll bejn il-konvenut u terzi. Jinghad ukoll li kuntrarjament ghal dak allegat mill-konsulent tas-socjeta konvenut, l-istess socjeta kienet partecipi hija wkoll f'dan l-akkordju kollu peress illi kienet dehret bhala komparenti

hija wkoll fuq l-iskrittura esebita a fol 104 et seq tal-process kif debitament rapprezentata mill-istess attur. Infatti klawzoli 6 (d) u (e) tal-ftehim jitkellmu precizament dwar il-qaghda tal-kumpanija kumpanija vis a vis il-kummissarju tat-Taxxi Nterni. Il-kwistjoni tar-refuzjoni tinsab imbaghad riflessa fuq skrittura ohra bejn l-istess partijiet, inkluz is-socjeta konvenuta esebita a fol 21 tal-process (Dok ES1) stante li fuq l-istess saret referenza specifika ghal ftehim originali ta bejniethom datat 27 ta Novembru 2003.

Illi dwar il-posizzjoni legali tal-konvenut Busuttil, dan it-Tribunal jaqbel mal-argument imressaq mill-konsulent legali tieghu fis-sens illi dan il-konvenut kien inkarika ruhu biss li jghaddi l-flus lill-attur hekk kif is-socjeta konvenuta tircievi r-refund in kwistjoni u mhux li jhallas dawn l-istess flus hu minn butu. Dan l-inkariku gie anke rifless fl-iskrittura ta’ trasferiment ma terzi Dok ES2. Peress illi meta sehhet ir-refuzjoni, il-konvenut ma kienx ghad ghandu l-kontroll tas-socjeta konvenuta huwa ma kienx u ma baqax f’posizzjoni li jaghti esekuzzjoni ghal tali ftehim pattwit hlief dik li jinsisti mal-akkwirent il-gdid biex jonora l-ftehim ta bejniethom.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li qed jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Jean Paul Busuttil u kwindi jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qed jichad l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta konvenuta kwindi jilqa t-talba attrici fil-konfront tal-istess socjeta u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma rikjesta ta €3,237.83 (tlett elef mitejn u sebgha u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mit-30 ta Lulju 2008 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza nkluz dawk tal-konvenut Busuttil a kariku tal-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------